**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 143/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Antonia Camilleri**

**Karl Camilleri**

**David Camilleri**

Illum 28 ta' Lulju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti David Camilleri, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 296965(M), Karl Camilleri, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 266395(M) u Antonia Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità 0242767(M) akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> **Lil David Camilleri waħdu** talli nhar is-7 ta' Frar 2019 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09.30hrs), fi Triq Wied Għomor, fil-lokalità ta' San Ġiljan:
>
> 1. Ħebb għal Emanuel Mifsud sabiex jinġurjah, idejjqu jew jgħamillu ħsara;

**Lil Antonia Camilleri** waħeda talli nhar is-7 ta' Frar 2019 għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu (09.45hrs), fi Triq Wied Għomor, fil-lokalità ta' San Ġiljan:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku PC 78 waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel servizz pubbliku, u minħabba li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu;

2. Inġurjat jew heddet jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżża jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekużżjoni ta' dak is-servizz;

3. Irrifjutat tagħti, jew tat falz, lill-uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor, li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, isimha, kunjomha, fejn toqgħod u partikularitajiet oħra;

4. Ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallitux jew fixklitu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor, bla jedd indaħlet fi dmiru, billi ma ħallietx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġabet fix-xejn jew ħassret dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi;

**Lil Karl Camilleri** waħdu talli nhar is-7 ta' Frar 2019 għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu (09.45hrs), fi Triq Wied Għomor, fil-lokalità ta' San Ġiljan:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku PC 803 waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel servizz pubbliku, u minħabba li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tal-kariga tiegħu;

2. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekużżjoni ta' dak is-servizz;

3. B'nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, għamel xi

ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa, cioe arloġġ tal-idejn għad-dannu tal-Uffiċjal Pubbliku PC 803;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju, 2019 li wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 221(1), 222(1)(c), 328(d), 338(g)(ee) u 339(1)(d) tal-Kap, 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil **David Camilleri** ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal amenda ta' €50; sabet li **Antonia Camilleri** ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħha u kkundannatha għall-piena ta' multa komplessiva ta' €900: u fir-rigward ta' Karl Camilleri, filwaqt li ddikjarat l-imputazzjoni numru tlieta (3) kif dedotta kontra tiegħu bħala eżawrita stante rinunzja da parte ta' PC 803, sabet lil **Karl Camilleri** ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1) u tnejn (2) kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' multa komplessiva ta' €900.

Rat ir-rikors tal-appellanti David Camilleri, Antonia Camilleri u Karl Camilleri ppreżentat fl-20 ta' Mejju, 2019, fejn talbu lil din l-Qorti:

1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fir-rigward tal-aħħar akkuża fil-konfront ta' Karl Camilleri fejn il-qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha u;

2. Tirriforma din l-istess sentenza fir-rigward tal-akkużi kollha l-oħra fejn sabet lill-appellanti ħatja u dan billi tirrevokaha f'dan ir-rigward u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u piena.

Alternattivament u dan bla preġudizzju għall-premess, f'każ ta' konferma fil-mertu tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellanti billi tnaqqas il-multa inflitta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda kollha mill-ġdid u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnhom intentat l-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u dan meta sabithom ħatja tal-akkużi migjuba fil-konfront tagħhom għajr għat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant Karl Camilleri fejn l-ewwel Qorti ddikjarat il-proċediment eżawrit. Illi inoltre fil-konfront tal-appellant Karl Camilleri, id-difiza tqanqal l-iskuzanti tal-eċċess tal-leġittima difiża u dan kif hemm maħsub fl-artikolu 227(d) tal-Kodiċi Kriminali. Illi għalkemm huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha, madanakollu f'dana il-każ, il-Qorti kellha ix-xorti li tisma' mill-ġdid il-provi imressqa quddiem l-Ewwel Qorti sabiex b'hekk dan l-eżerċizzju kien wieħed aktar faċilitat.[1] B'hekk kienet f'posizzjoni ahjar tapplika dak dispost fl-artikoli 636, 637

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

u 638 tal-Kodiċi Kriminali li jfassal ir-regoli li għandhom jiggwidaw lil qorti meta tiġi għall-apprezzament tal-provi[2],[3].

Illi minn eżami li għamlet il-Qorti tal-atti proċesswali, u mogħnija bix-xiehda tal-atturi ewelnin ta' din il-viċenda li hija kellha ix-xorti tisma' mill-ġdid issa fi stadju ta' revizjoni, jirriżulta illi dan il-każ ra il-bidu tiegħu meta nhar is-7 ta' Frar tas-sena 2019, Kevin Mifsud irrapporta ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan illi kien seħħ inċident ġewwa Triq Wied Għomor fejn missieru Emanuel Mifsud kien safa aggredit. Il-pulizija akkumpanjaw lil Kevin Mifsud fuq il-post fejn ġie indikat lilhom ċertu David Camilleri, wieħed mill-appellanti, bħala dik il-persuna li kienet aggrediet lil missieru, offendih u heddu li kien ser joqtlu. Il-pulizija kellmu lil David Camilleri li nfurmhom li kien jinsab iffrustrat minħabba l-fatt li l-ħaddiema tal-*Infrastructure Malta*, fosthom allura Mifsud, kienu laqtulu l-kanna tal-provvista ta'l-ilma għar-residenza tiegħu u ried li x-xogħolijiet jieqfu u l-ħsara tiġi irranġata minnufih. Sa dak il-ħin l-affarijiet kienu ikkalmaw, iżda ftit minuti wara tfaċċaw Antonia Camilleri, mart l-appellant David Camilleri, u binhom Karl. L-appellanti Antonia Camilleri bdiet tgħajjat u tinsisti illi x-xogħolijiet li kienu qed isiru fit-triq kellhom jieqfu, ghalkemm jidher li kien qed jiġi imfisser lilha illi x-xogħolijiet ma setgħux jitwaqqfu u li l-istess kienu qed isiru bil-permessi maħruġa minn *Infrastructure Malta*. F'mument minnhom Antonia Camilleri bdiet tgħajjar lil ħaddiema bil-kelma "purċinelli" u hawn il-pulizija waqfuha milli tkompli b'din il-konfrontazzjoni u talbuha d-dettalji u d-dokumenti tagħha. Jidher ukoll mill-provi illi l-appellanti Camilleri bdiet tiġbed ritratti tal-persuni li kienu fis-sit mingħajr awtorizzazzjoni għall-liema fatt ukoll, il-pulizija talbuha tieqaf. Skond il-verżjoni mogħtija mill-pulizija, huma talbu li Antonia Camilleri tagħtihom id-dettalji f'aktar minn okkażjoni waħda iżda hi baqgħet tirrifjuta u konsegwentement il-pulizija avżawha li jekk kienet ser tibqa' tirrifjuta kienu ser jarrestawha. Madankollu jidher illi hi baqgħet ostili fil-komportament tagħha lejhom u b'hekk PC78 Luke Grima

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

ipproċeda sabiex jarrestaha. Kif kien qed jagħmel hekk, Karl Camilleri iben Antonia Camilleri, aggredixxa lil kuntistabbli minn naħa ta' wara u tefgħu mal-art. Konsegwentement PC803 Andrew Pullicino intervjena u pproċeda għall-arrest ta' Kevin Camilleri fejn allegatament kellha tintuża forza minima sabiex jiġu imrażżna u arrestati kemm Antonia, kif ukoll Kevin Camilleri. Fil-kollutazzjoni l-arloġġ ta' PC803 tar minn idejh u saritlu xi ħsara. Jidher illi l-pulizija nizzlu lil familja Camilleri lejn l-għassa ta' San Ġiljan bil-mixi. Antonia u Kevin Camilleri ġew mitkellma mill-pulizija fejn ċaħdu l-allegazzjonijiet magħmula kontra tagħhom u insistew illi l-għan tagħhom kien unikament sabiex iwaqqfu x-xogħolijiet li kienu qed isiru fit-triq sabiex ma ssirx ħsara fis-sistema ta'l-ilma għar-residenza tagħhom. In oltre filwaqt li Antonia Camilleri saħħqet illi hija kienet ġustifikat li tirreżisti l-arrest billi dan ma kienx wieħed neċessarju għaliex hija ma kenitx inġurjat lill-ħaddiema, u kull ma kienet qiegħda taghmel kien li tiehu xi ritratti u tipprova iċċempel għall-assistenza. Irriżulta ukoll miċ-ċertifikati mediċi eżibiti in atti u mill-provi mismugħa illi l-uffiċjali tal-pulizija sofrew xi ġrieħi ħfief fil-qadi ta' dmirijiethom.

**Ikkunsidrat:**

Applikati għalhekk dawn il-prinċipji ta' dritt u t-tagħlim ġurisprudenjzali għal fatti ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi, il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha hija tal-fehma illi l-pulizija li ddeponew kienu konsistenti fir-rakkont tagħhom u kkoroboraw lil xulxin għal dak li jirrigwarda l-inċident kif svolġa u x'wassal finalment għall-arrest tal-appellanti Antonia u Kevin Camilleri. In oltre d-depożizzjoni ta' dawn ix-xhieda hija korroborata ulterjorment mill-*Enforcement Officer* 282 Matthew Grech li kien fuq il-post f'isem *Transport Malta,* kif ukoll mill-impjegati ma' *Infrastruture Malta* Emanuel Mifsud u Kevin Mifsud.

L-ewwel nett għal dak li jirrigwarda l-appellant David Camilleri, hu ġie misjub ħati bil-ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u dan meta ħebb ghal Emanuel Mifsud sabiex jinġurjah u jdejjqu. Emanuel Mifsud kif ukoll minn ibnu Kevin Mifsud jikkontendu illi l-appellant David Camilleri mbotta lil Emanuel Mifsud u kellmu ħażin fejn saħansitra heddu li joqtlu jekk ma jwaqqafx ix-xogħolijiet. Id-difiża tishaq illi

kienet nieqsa l-aħjar prova meta il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi dwar il-grieħi li seta' sofra Mifsud f'dan l-inċident. Iżda għandu jingħad illi David Camilleri la ġie mixli li ikkaġuna xi offiża fuq il-persuna ta' Mifsud u lanqas jidher li ġiet ventilata din l-allegazzjoni minn Mifsud stess fid-depożizzjoni tiegħu. David Camilleri ma jixhidx sabiex jirrakonta l-verzjoni tiegħu tal-fatti u martu Antonia Camilleri jidher li ma kenitx preżenti f'din l-ewwel parti ta'l-inċident sabiex b'hekk il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Mifsud ma hijiex kontradetta. Mill-banda l-oħra tenut kont tal-fatt illi skond dak li xehed Emanuel Mifsud, l-appellant David Camilleri qal kliem inġurjuż fil-konfront tiegħu u saħansitra heddu fin-nuqqas li jagħmel dak mitlub minnu, u in vista wkoll tal-fatt illi skond Emanuel Mifsud, kif ukoll ibnu, l-appellant Camilleri mbottah tant illi ħasdu dawn il-fatti jwasslu għar-reita' għall-kontravvenzjoni li bih ġie mixli David Camilleri u li dwaru ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti.

Illi l-appellanti Antonia Camilleri ġiet misjuba ħatja mill-Ewwel Qorti tal-imputazzjonijiet kollha lilha addebitati u ċjoe' tar-reat tal-offiża ħafifa fuq il-persuna ta' PC803, kif ukoll tar-reat imfassal fl-artikolu 95 u finalment l-akkużi kontravvenzjonali maħsuba fl-artikoli 338(g) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellanti tallega illi x-xiehda tal-pulizija involuti fl-arrest tagħha hija waħda inveritjiera u dan għaliex hija ma kellha ebda intenzjoni li tostakolhom fil-qadi ta' dmirijiethom, anzi kienet qed tipprova tfittex l-assistenza tagħhom, iżda dawn spiċċaw jiddieħku biha. Tiċħad kategorikament li talbuha d-dettalji tagħha u tgħid li meta bdiet tieħu r-ritratti hi waqfet hekk kif infurmawha li ma setax tieħu ritratti tal-uċuħ tan-nies kif fil-fatt kienet qed tagħmel. Tikkonferma madanakollu illi ppruvat tirreżisti l-arrest imma tgħid li għamlet hekk peress illi ma setatx tifhem ir-raġuni 'il għala kienet ser tiġi arresata billi fil-fehma tagħha ma kienet għamlet xejn ħażin u lanqas ma użat kliem ħażin jew dispreġġattiv fil-konfront ta' xi persuna li kienet preżenti.

Għal darb'oħra ir-reita' fl-appellanti Antonia Camilleri tiddependi essenzjalment minn eżerċizzju ta' kredibbilita' u jekk il-verżjoni tal-fatti kif miġjuba 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni allura hijiex waħda aktar verosimili minn dik ippreżentata mill-

appellanti. Il-Qorti tosserva illi ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni jikkorrobboraw il-fatti ewlenin li seħħew f'din il-viċenda. Issa l-Ewwel Qorti għoġobha tagħti affidament lil verżjoni tal-fatti kif esposti mill-Prosekuzzjoni. Tikkumenta hekk l-Ewwel Qorti:

> **"L-Qorti qed iżżomm quddiem għajnejha il-fatt li l-familja Camilleri, waqt ir-rabja li setgħet ħakmitha minħabba l-ħsarat allegati irreaġixxiet b'mod xejn ċivili u ċertament ħarrġet 'il barra mil-limiti tad-deċenza. Aggressjoni fuq uffiċjal pubbliku, speċjalment meta qiegħed fuq xogħolu, hija intollerabbli u l-Qrati huma fi dmir li jindirizzaw sitwazzjonijiet simili kif ikun mistħoqq u skond il-liġi."**

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi din l-osservazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti tirrispekkja ċar u tond x'seħħ fil-jum indikat fl-akkuża. Dan għaliex il-Qorti, kif diġa', osservat hija konfortata mid-depożizzjonijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni li kollha jikkorroborraw l-istess verżjoni. Illi ma hemmx dubbju illi l-familja Camilleri bdiet tirreagixxi b'rabbja u eċċitazzjoni għal fatt illi f'dak il-mument kien jidhirliha illi bix-xogħolijiet li kienu qed isiru mill-ħaddiema ta' *Infrastructure Malta* kienet ser tiġi ikkawżata xi ħsara fil-proprjeta' tagħhom. Meta bdew jindunaw illi ma kenux qed jirċevu widen mill-ħaddiema li kienu qed jeżegiwixxu ix-xogħolijiet, minflok fittxew bil-kalma soluzzjoni jew inkella irrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti, għazlu it-triq tal-aggressjoni tant illi kellhom jinvolvu ruħhom il-pulizija. Illi imbagħad minflok ikkoperaw mal-pulizija, hawnhekk ukoll għazlu it-triq tal-konfrontazzjoni biex b'hekk l-istess pulizija kellhom jipproċedu għall-arrest tagħhom, meta imbagħad għal darb'oħra minflok kien hemm dik il-koperazzjoni mistennija mal-awtoritajiet, għażlu li jirribellaw għal din l-awtorita'. Illi minhabba fir-resistenza li offriet l-appellanti spicca sofra grieħi ħfief PC78 filwaqt illi kien qed jitħabat sabiex jqiegħed il-manetti fuq idejn Antonia Camilleri li kienet qed tirreżisti l-arrest. Dan il-fatt waħdu ma ġiex ikkontestat minnha peress li l-appellanti ikkonfermat fl-istqarrija tagħha illi hi rreżistiet l-arrest, liema ordnijiet, dejjem skond dak allegat mill-pulizija u kkoroborat ukoll mill-uffiċjal minn *Transport Malta*, hi kienet qed tirrifjuta li tobdi. Jirriżulta wkoll mill-provi illi Camilleri nġurjat lill-pulizija meta talbuha tgħaddielhom id-dettalji tagħha bħalma rriżulta wkoll li hi injorathom kull meta talbuha dawn id-dettalji u anki meta kienet qed tieħu r-ritratti, allavolja kienu wissewha bl-arrest fin-nuqqas ta'

koperazzjoni. Din il-Qorti tqis għal kollox inverosimili dak li saħqet Antonia Camilleri dwar il-fatt li ma semgħatx lill-pulizija jwissuha minħabba l-istorbju tal-inġenji u dan għas-sempliċi fatt li skond dak li xehdu l-pulizija hi fil fatt weġbithom bi kliem dispreġġjattiv u rrifjutat ripetutament li tagħmel dak mitlub minnha. Kwindi din il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha.

Finalment għal dak li jirrigwarda l-aggravji mressqa 'il quddiem mill-appellant Kevin Camilleri, jidher illi d-difiża mhijiex qed tikkontesta l-fatt illi Camilleri intervjena waqt li l-pulizija kienu qed jipproċedu għall-arrest ta' ommu u agredixxa lil pulizija, tant illi wieħed minnhom spiċċa fl-art, iżda jisħaq illi għandu jibbenefika mill-iskużanti ta'l-eċċess tal-leġittima difiża kif maħsub fl-artikolu 227(d) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi illi:

> **"L-omiċidju volontarju hu skużabbli :**
>
> **jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn:**
>
> **Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret."**

Issa l-liġi titkellem fuq iċ-ċirkostanzi fejn tissussisti l-iskriminanti tal-leġittima difiża …

> **"meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor."**

Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-leġittima difiża huwa id-dritt għal awto-tutela ta' dak li jkun jew tan-nies għeziez għalih, tant illi il-qtil ta' bniedem minn bniedem ieħor jiġi ġġustifikat. Dan iseħħ allura meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċċ ma' aggressjoni inġusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ggal meżżi oħra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu.

Tispiċċa għalhekk kostretta tuża meżżi hija stess biex tħares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli.

> **'biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difiża trid tirrizulta, ghallinqas fuq bazi ta' probabilita', li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f'persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti'.**[4]

Id-dritt penali taljan fil-fatt isemmi bħala zewg rekwiziti għall-awto-tutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni:

> **"La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.**
>
> **La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.**
>
> **Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.**[5]**"**

---

[4] Il-Pulizija vs Anthony Micallef deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u deċiża nhar it-30 ta' April 2009.

[5] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

Illi skond il-mibki Professur Sir Anthony Mamo sabiex din id-difiża tissussisti huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (*unjust*), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha. Għal dak li jirrigwarda l-gravita', Mamo jikkjarifika li din tissusisti meta '*the act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person 'irreparable' evil; and the law considers as 'irreparable' and consequently grave, the evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual*'. Kwindi huwa evidenti għal dak li jirrigwarda l-gravita' li sabiex l-att difenżjonali jkun ġustifikat din trid tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.

Illi fir-rigward tal-inevitabbilita' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi '*the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided*' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (*sudden*), attwali u assolut. Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi '*if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence*', filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha '*it could not be averted by other means*'.

In oltre b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa* il-Qorti stqarret ukoll illi:

> **'l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja. Jekk pero mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew**

**dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'.**[6]

Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tistax tiġi invokata, min irid jiġġudika dwar il-fatti bħalma kienet l-ewwel Qorti f'din il-kawża, jrid japplika t-test soġġettiv u ċjoe fejn wieħed irid jidħol fiż-żarbun tal-akkużat.

Applikati dawn il-prinċipji għal każ in diżamina u dan billi jiġi applikat il-kejl tat-test soġġettiv, huwa bil-wisq evidenti illi d-difiża qatt ma tista' tinvoka l-iskriminanti tal-legittima difiża u wisq anqas l-iskużanti tal-eċċess ta'l-istess kif lanqas ma jista' jissussisti il-biza' u t-twerir li jġibu l-impunita'. Dan għaliex l-appellant Kevin Camilleri għoġbu jirritalja għal aġir leġittimu ġej minn awtorita' pubblika u ċjoe' ta' pulizija li kienu qegħdin jagħmlu xogħolhom fil-parametri tal-liġi. Dan jfisser illi l-azzjoni tal-pulizija ma kienet f'ebda mod inġusta peress illi kienet permessa bil-liġi u bl-ebda mod tali azzjoni ma tista' tiġi deskritta bħala abużiva. L-appellant Kevin Camilleri intervjeni bis-saħħa tant illi PS308 spiċċa mitfuħ mal-art, u dan mhux għax tfixkel f'saqajh kif allegat minn Antonia Camilleri, liema fatt huwa ikkonfermat mix-xhud Matthew Grech li kien preżenti f'dak il-mument. Mhux biss, iżda mir-ritratti eżibiti mid-difiża stess ma jidhirx illi l-pulizija u l-irġiel l-oħra li kienu preżenti kienu qed jaġixxu b'xi aggressivita fil-konfront tal-ebda wieħed mill-appellanti tant illi Antonia Camilleri komodament bdiet tiġdilhom ir-ritratti. Kwindi, fil-fehma ta' din il-Qorti la l-iskriminanti u lanqas l-iskuzanti maħsuba taħt l-artikolu 223 u 227(d) tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultaw ippruvati f'dan il-każ. Konsegwentement anki għal dak li jirrigwarda l-appellant Kevin Camilleri, is-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ser jiġu kkonfermati mill-ġdid minn dina l-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta'l-appellanti. Jibda biex jingħad illi l-ewwel Qorti ikkundannat lit-tlett appellanti kull wieħed għal piena pekunjarja, b' David Camilleri jiġi ikkundannat

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appelle (Sede Inferjuri), ppresduta mill-Imħallfin Vincent Degaetano, Joseph A. Filletti u David Scicluna u deċiża fis-16 ta' Ottubru 2003.

ammenda ta' €50, u l-piena tal-multa ta' €900 tiġi inflitta fuq kull wieħed mill-bqija tal-appellanti. Illi l-Qorti mingħajr tlaqliq tqies illi dan l-aggravju ma jistħoqqlux akkoljiment b'mod speċjali fejn jirrigwarda l-appellanti Antonia u David Camilleri billi il-piena hija waħda ferm inqas minn dak preskritt fil-liġi li tipprovdi, u dan wara l-emendi introdotti permezz ta'l-Att V tal-2014, għal piena "**stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).**" Kwindi apparti għall-fatt illi, il-multa mposta fuq Antonia u Kevin Camilleri qiegħda qrib il-minimu assolut, l-appellanti ibbenefikaw konsiderevolment peress illi miżjud mal-multa inflitta huma ma ngħatawx piena karċerarja effettiva jew piena alternattiva għal dik karċerarja. Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax tvarja l-piena billi tnaqqasha aktar, u dan meta l-Ewwel Qorti imponiet biss il-piena tal-multa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur